## GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

### SEDUTA TA’ NHAR IT-TLIETA, 10 TA' APRIL, 2001

*Avviz. Nru 1278/00 AJD*

Maltacom plc

vs

Schembri Bros. Ltd

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Awissu, 2000, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u ghaxar liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm110.25), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' hsarat li kkagonat is-socjeta' konvenuta fuq cables tat-telephone fi Triq il-Ferrovija, Attard fis-17 ta' Gunju tal-1998 (Dok. A). Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.
Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Ottubru, 1999, u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali u t-taxxa fuq il-valur mizjud in konnessjoni mad-drittijiet professjonali, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn din issottomettiet li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha stante li s-socjeta' konvenuta mhijiex responsabbli ghad-danni allegati mis-socjeta' attrici peress illi s-socjeta' konvenuta qdiet fedelment l-inkarigu lilha moghti minghajr ma kienet negligenti b'xi mod, u effetwat ix-xogholijiet relattivi skond kif diretta mill-istess socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Victor Busuttil, Joseph Bonnici u Raymond Cachia, lkoll impjegati tas-socjeta' attrici, kif ukoll ix-xhieda ta' Saviour Schembri, rapprezentant tas-socjeta' konvenuta.  Ha konjizjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra:
Illi l-kawza tirrigwarda danni kawzati mis-socjeta' konvenuta f''cable' tas-socjeta' attrici fi Triq il-Ferrovija, Attard fis-17 ta' Gunju, 1998, waqt li kienu qed isiru xogholijiet ta' thaffir da parti tas-socjeta' konvenuta f'din il-lokalita'. Irrizulta li s-socjeta' konvenuta kienet avzat lis-socjeta' attrici li kien ser isir xoghol ta' thaffir f'din it-triq u ghalhekk is-socjeta' attrici baghtet lil Joseph Bonnici, impjegat tal-'Overseers Section' sabiex jimmarka l-'cables' fuq il-post. Dan sar fil-presenza ta' xi hadd da parti tas-socjeta' konvenuta. Dan ix-xhud immarka l-posizzjoni tal-'cables' skond kif jidhru fuq il-pjanta li giet esibita u mmarkata Dok. JS2. Dan ix-xhud mar fuq il-post wara li saret il-hsara u kkonferma li l-marki maghmula minnu kienu korretti fis-sens li l-'cable' li kien intlaqghat kien vicin dawn il-marki. Huwa qal ukoll li s-socjeta' konvenuta kienet uzat diversi ingenji fix-xoghol ta' thaffir u spjega li huma dejjem jaghtu struzzjonijiet lill-kuntratturi li meta jkun necessarju li jsir xoghol ta' thaffir vicin il-'cables' dan irid isir bl-idejn. Huwa qal li f'dan il-kaz it-thaffir kien sar bl-ingenji u mhux bl-idejn u dan ghaliex il-'cable' li saritlu l-hsara kien maqtugh. Minn Dok. JB1, li hija l-formola mimlija minn dan ix-xhud fid-data ta' meta saru l-hsarat ukoll jirrizulta li l-'cable' li gie milqut kien immarkat.

Illi Victor Busuttil li huwa s-'senior technician' fl-'Overseers Section' tas-socjeta' attrici wkoll mar fuq il-post meta saret il-hsara u huwa wkoll ikkonferma li l-posizzjoni tal-'cable' li ntlaqghat kienet immarkata bl-ispray u dan it-tul tal-'cable' kollu. Dan ix-xhud spjega li l-kuntrattur in kwistjoni kien jaf bl-ezistenza u l-posizzjoni tal-'cable' li ntlaqghat ghaliex din ma kienitx l-ewwel darba li laqghat dan il-'cable'. Dan ix-xhud qal ukoll li f'dan il-kaz il-kuntrattur kien kixef il-konkos u suppost meta jinkixef il-konkos, irid isir thaffir bl-idejn izda t-thaffir sar bil-'jackhammer'. Ix-xhud ikkonkluda li x-xoghol kien sar bil-'jackhammer' ghaliex il-hsara fil-'cable' kienet 'sharp'.

Illi Saviour Schembri, ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, spjega li l-marki li jsiru mill-'overseers' tas-socjeta' attrici qatt ma jkunux precizi u fil-fatt l-istess 'overseers' dejjem jghidu lil-kuntratturi sabiex vicin il-marki joqoghdu attenti u jhaffru bil-mod. L-istruzzjonijiet li tati s-socjeta' attrici huma li fejn hemm il-marki, it-thaffir irid isir bl-idejn u fejn m'hemmx marki, it-thaffir jista' jsir bl-ingenji. Ix-xhud spjega li huwa kien prezenti fuq il-post meta ntlaqghat il-'cable' in kwistjoni u qal li dan il-'cable' ma kienx fejn immarkat fis-sens li l-'cable' kien il-boghod wisa' ta' bucket ta' gaffa mill-marka li kien ghamel l-'overseer' tas-socjeta' attrici. Ix-xhud spjega li l-pjanta li tindika minn fejn ikunu ghaddejjin il-'cables' qatt ma tinghata lilhom mis-socjeta' attrici u cahad li huwa kien diga' laqat dan il-'cable'. Huwa qal ukoll li meta ntlaqghat il-'cable' kien qed jintuza 'light plant machinery' u in kontro ezami accetta li fil-kundizzjonijiet li jinghataw lilhom mis-socjeta' attrici meta ssir l-applikazzjoni ghat-thaffir hemm indikat li sa pied u nofs mill-marka li tindika posizzjoni ta' 'cable' iridu jintuzaw 'hand tools' sabiex isir ix-xoghol ta' thaffir.

Illi mix-xhieda ta' Victor Busuttil u Joseph Bonnici jirrizulta li l-'cable' milqut kien immarkat adegwatament u li l-hsara giet kagunata ghaliex is-socjeta' konvenuta adoperat 'light plant machinery' fix-xoghol ta' thaffir vicin il-'cable' u ghalhekk ma ottemperatx ruhha mal-kundizzjoni hawn fuq imsemmija fis-sens illi xoghol ta' thaffir vicin il-'cable' ghandu jsir bl-idejn. Savior Schembri, ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta kif diga ntqal hawn fuq, ammetta li t-thaffir sar permezz ta' 'light plant machinery'. It-Tribunal huwa ghalhekk tal-fehma li s-socjeta' konvenuta ghandha titqies unikament responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici fuq 'cables' tat-telefon f'H'Attard fis-17 ta' Gunju, 1998.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u ghaxar liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm110.25) bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Ottubru, 1999, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR